# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 22 ta' Settembru, 2021**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 54/08JRM**

**K & L ATTARD LIMITED (C – 12030)**

vs

**IL-KONTROLLUR TAD-DWANA** u b'degriet tal-31 ta' Mejju, 2012, isem l-intimat għandu jaqra Direttur Ġenerali (Dwana)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-22 ta' Jannar, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, is-soċjeta` attriċi talbet li l-Qorti (1) tiddikjara illi l-ammont ta' erba' miljuni, ħames mija u sitta u sebgħin elf, tmin mija u ħamsa u għoxrin euro (€4,576,825) mitluba mill-imħarrek fl-ittra uffiċjali tiegħu tal-31 ta' Diċembru, 2007, rappreżentanti dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq kwantita` ta' sigaretti u tabakk, jew kull ammont ieħor m'huwiex effettivament dovut mis-soċjeta` attriċi; (2) tordna lill-imsemmi mħarrek jirrilaxxa kull oġġett

miżmum fil-pussess tiegħu li jappartjeni lis-soċjeta` attrici u li, għall-finijiet tal-Artikolu 466(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan isir bla dewmien stante illi l-merkanzija hija waħda li tiddeterjora u tispiċċa f'qasir żmien; (3) issib li l-imħarrek jaħti għad-danni kollha mġarrba minnha bħala riżultat tal-azzjoni fuq imsemmija magħmula mill-imħarrek; (4) tillikwida d-danni kollha eventwali u konsegwenzjali għal dan il-qbid inġust u żbaljat tal-merkanzija fin-nuqqas; u (5) tikkundanna lill-imħarrek li jħallasha kwalsiasi ammont li jiġi hekk likwidat in linja ta' danni minħabba dan il-qbid ta' oġġetti. Talbet wkoll l-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-3 ta' Marzu, 2008, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li l-ammont mitlub huwa minnu, kif jirriżulta minn verifiki li għamel u għalhekk il-Qorti jmissha tiċħad it-talbiet attriċi. Żied jgħid li l-kumpannija attriċi, bħala *tax warehouse keeper* liċenzjata, messha kienet taf x'kienet il-merkanzija li kienet qiegħda tixtri u għaldaqstant ma tistax illum tinħeba wara terz li tallega li xtrahom minn wara daharha. Jgħid li l-liġi timponi obbligu fuq il-kumpannija attriċi biex tieħu ħsieb ħwejjiġha, ħaġa li l-kumpannija attriċi naqset li tagħmel. Iżid jgħid li minkejja li l-kumpannija attriċi għandha l-jedd li tfittex lil terzi għad-danni li hija ġarrbet, jibqa' l-fatt li t-taxxa hija dovuta minnha. Jisħaq li t-talba għar-rilaxx ma tistax tintlaqa' billi l-proċedura li l-attriċi għażlet li tressaq ma taħsibx għal rimedju bħal dan;

Rat in-Nota tal-Kontrollur imħarrek tat-18 ta' Awwissu, 2009[1], li biha naqqas l-ammont mitlub fl-ittra uffiċjali tal-31 ta' Diċembru, 2007, għal tliet miljun, tliet mija u wieħed u tmenin elf, ħames mija u disgħa u erbgħin ewro (€3,381,549);

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Frar, 2010[2], li bih il-Qorti, wara li ġiet mgħarrfa li kienu nbdew proċeduri kriminali fil-konfront ta' wieħed mid-diretturi tal-kumpannija attriċi u ta' terzi dwar pendenzi li jolqtu l-mertu ta' din il-kawża, waqfet tisma' il-kawża sakemm jintemmu l-imsemmija proċeduri;

Rat il-verbal tas-smiegħ tal-20 ta' Ottubru, 2011[3], li bih l-Qorti ordnat it-tressiq tal-provi mill-atturi bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Art. 589 tal-Kodiċi tal-Proċedura;

Rat in-Nota mressqa mis-soċjeta` attriċi fil-31 ta' Mejju, 2012[4] u d-dokumenti mehmużin magħha;

[1] Paġ. 500 tal-proċess
[2] Paġ. 510 tal-proċess
[3] Paġ. 516
[4] Paġ 518 sa 528 tal-proċess

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Lulju, 2015[5], li bih il-Qorti awtorizzat li t-trattazzjoni ssir bil-miktub, u tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mis-soċjeta` attriċi fis-16 ta' Diċembru, 2014[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kontrollur imħarrek imressqa fit-30 ta' Settembru, 2015[7], bi tweġiba għal dik attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża, tal-Ittra Uffiċjali mertu tal-każ u kif ukoll dawk tal-kawża 885/09 li kienet miexja magħha;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza wara li semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati difensuri tal-partijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni taħt l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex iżżomm milli ssir eżekuttiva talba għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju minn dipartiment tal-Gvern. Il-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "K&L") qiegħda tikkontesta talba għall-ħlas magħmula mid-Direttur-Ġenerali (Dwana) mħarrek (aktar 'il quddiem imsejjaħ "id-Direttur") b'ittra uffiċjali li fiha talabha tħallsu somma dwar dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) fuq konsenji ta' sigaretti u tabakk maħżuna minnha matul iż-żmien bejn Marzu u Ottubru u parti minn Novembru tal-2007. K&L tgħid li hija qatt ma akkwistat is-sigaretti in kwistjoni, li iżda nkisbu minn terza persuna li, b'mod qarrieqi u mingħajr ir-rieda tagħha, iddikjarat illi s-sigaretti kienu maħsuba għal kummerċ min-naħa ta' K&L, meta dan ma kienx il-każ. Tgħid ukoll li, minkejja li l-awtoritajiet kienu jafu b'dan il-fatt, id-Direttur xorta għażel li jisħaq li hija tħallsu t-tariffi mitluba fl-ittra uffiċjali tiegħu (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Ittra") li bis-saħħa tagħha jrid illi jkollu titolu eżekuttiv. K&L tgħid li, minn dak mitlub, hija lesta li tħallas biss ta' dak li xtrat hi u ġie fil-pussess tagħha. Tixħet il-ħtija għal dak li ġara fuq id-Direttur billi tgħid li ħalla x-xhur jgħaddu qabel ma ressaq it-talba tiegħu għall-ħlas, u ħalla lil terzi persuni jabbużaw minnha. Tisħaq li d-Direttur qiegħed jitlob il-ħlas ta' dazju fuq ħwejjeġ tagħha li nżammu minnu u li tħallew jitgħarrqu għaliex ma riedx jaf bit-talba tagħha għar-rilaxx tagħhom;

[5] Paġ 590 tal-proċess
[6] Paġ 592 sa 596 tal-proċess
[7] Paġ 603 sa 615 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni d-Direttur laqa' billi qal li l-ammont mitlub huwa tabilħaqq dovut, kif jirriżulta minn verifiki li għamel u għalhekk il-Qorti jmissha tiċħad it-talbiet attriċi. Żied jgħid li K&L, bħala *tax warehouse keeper* liċenzjata, messha kienet taf x'kienet il-merkanzija li kienet qiegħda tixtri u għaldaqstant ma tistax illum tinħeba wara terz billi tallega li xtrahom minn wara daharha. Jgħid li l-liġi timponi obbligi fuq K&L biex tieħu ħsieb ħwejjiġha, ħaġa li l-istess kumpannija naqset li tagħmel. Iżid jgħid li minkejja li K&L għandha kull jedd li tfittex lil terzi għad-danni li hija ġarrbet, jibqa' il-fatt li t-taxxa hija dovuta minnha. Jisħaq li t-talba għar-rilaxx ma tistax tintlaqa' billi l-proċedura li K&L għażlet li tressaq ma taħsibx għal rimedju bħal dan;

Illi <u>mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li K&L kienet liċenzjata mid-Dipartiment tad-Dwana (aktar 'il quddiem imsejjaħ "id-Dipartiment") bħala kustodju ta' maħżen tas-Sisa ("*tax warehouse keeper*"), u awtorizzata minnu biex tixtri s-sigaretti u t-tabakk taħt is-sospensjoni tad-dazji u tat-taxxi ("*under duty suspension*") [8];

Illi matul l-2007, kien jidher li K&L kienet qed tixtri kwantita` kbira ta' sigaretti u tabakk mingħand aġenti maltin biex tkun tista' tiggwadanja minn sistema ta' punti jew skont[9]. L-ordni għax-xiri tal-merkanzija mal-aġenti kienet issir mid-direttur ta' K&L, Keith Attard[10], filwaqt li wieħed Marvin McKay kien awtoriżżat biex jiġbor il-merkanzija mingħand l-aġenti[11], iħallashom tagħha u jiffirma għalihom. Kopja tad-'*delivery note'* (magħrufa bħala 'DAIM' – Dokument Amministrattiv Intern Mehmuż jew '*IAAD' – Internal Administrative Accompanying Document*) kienet tingħata lid-Dipartiment[12], filwaqt li kopja oħra tinżamm mill-aġent u minn K&L. Fuq il-kopji li ntbagħtu lid-Dipartiment, jirriżulta li kien hemm it-timbru ta' K&L bħala r-riċevitur tal-merkanzija[13];

Illi jirriżulta li minn żmien għal żmien, K&L kienet qiegħda taqa' lura milli tgħaddi lid-Dipartiment id-dokumentazzjoni marbuta man-negozju tagħha minkejja li d-Dipartiment kien talabha bosta drabi biex taġġorna t-tagħrif[14]. F'Diċembru 2007, id-Direttur irriżultalu li K&L kienet waqgħet lura wkoll fil-ħlasijiet ta' dazju tas-Sisa u VAT. Bil-liġi, K&L kienet obbligata tħallas lid-Dipartiment kull ħmistax-il jum[15]. Dan wassal biex id-Direttur ħareġ ordni

[8] Xogħol il-kumpannija attriċi kien ta' bejjiegħa bl-ingrossa u distributur ta' prodotti tat-tabakk, u kellha l-jedd li tixtri x-xogħol bid-dazju u l-VAT sospiż, iżżommu għandha u toħorġu għall-bejgħ u tħallas id-dazju wara. Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Albert Scerri f'paġ. 538 tal-proċess
[9] *Ibid.*f'paġ. 538 u 546 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda ta' Arthur Ciantar f'paġġ. 484 u 485 tal-proċess, ix-xhieda ta' Nichola Cachia f'paġġ. 493 u 495 tal-proċess, u l-affidavit ta' Albert Scerri f'paġġ. 564 sa 565 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda ta' Arthur Ciantar f'paġ. 491 tal-proċess, ix-xhieda ta' Nichola Cachia f'paġ. 494 tal-proċess, u dik ta' Albert Scerri f'paġġ. 564 sa 565 tal-proċess
[12] Ara x-xhieda ta' Mark Borġ f'paġġ. 109 u 114 tal-proċess, u dik ta' Albert Scerri f'paġ. 132 tal-proċess
[13] *Ibid.* f'paġ. 114 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Joseph Arrigo f'paġ. 469 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda ta' Mark Borġ f'paġ. 117 tal-proċess
[15] *Ibid* f'paġ. 108 tal-proċess

biex il-maħżen tagħha jiġi ssiġillat. Minn spezzjoni li saret fil-maħżen ta' K&L instab biss tabakk, filwaqt li minn ġewwa maħżen u ħanut li K&L għandha ġewwa l-Belt Valletta, ġew elevati numru kbir ta' sigaretti[16]. Id-Direttur għaldaqstant talab ukoll li K&L tgħaddilu d-dokumenti kollha li kellha dwar xiri li kienet għamlet bejn Marzu u Diċembru, 2007, biex seta' jasal fuq l-ammont li kien dovut lid-Dipartiment[17];

Illi meta l-Kontrollur qabbel id-dokumenti li K&L għaddietlu mad-dokumenti li l-aġenti kienu għaddew lid-Dipartiment, irriżultalu li kien hemm nuqqas kbir ta' qbil[18] li, meta tkejlu l-valuri ta' dazju tas-Sisa u Taxxa dwar il-Valur Miżjud li messhom tħallsu minn K&L għal dawk il-konsenji kollha, kienu jwasslu għall-ammont ta' erba' miljuni, ħames mija u sitta u sebgħin elf, tmien mija u ħamsa u għoxrin euro (EUR 4,576,825). Meta dawn il-fatti nġiebu għall-attenzjoni ta' K&L, hija ċaħdet li d-differenza kienet daqshekk kbira;

Illi d-Direttur sejjaħ quddiemu lil Marvin McKay, u dan stqarr li laħaq xtara merkanzija fuq isem K&L mingħajr ma kien awtorizzat minnha[19]. Meta ġie interrogat mill-pulizija, McKay, għalkemm ikkonferma l-istess stqarrija, deher maħsud bl-ammont li ġie mixli bih u ċaħad li kien innegozja daqstant fuq isem K&L[20];

Illi fil-fehma ta' K&L, in-negozju li sar minn McKay f'isimha meta ma kienx awtorizzat kien fl-ammont ta' mitejn u tmintax-il elf, disa' mija wieħed u sebgħin euro (€218,971), filwaqt li dak dovut minnha lid-Dipartiment huwa fl-ammont ta' miljun, sitta u sebgħin elf, ħames mija tlieta u sittin ewro (€1,076,563)[21];

Illi fil-31 ta' Diċembru, 2007, id-Direttur ħareġ l-Ittra li biha talab minn lil K&L tħallas erba' miljuni, ħames mija u sitta u sebgħin elf, tmien mija u ħamsa u għoxrin euro (€4,576,825) li, dwar tliet miljun sitt mija u tmienja u disgħin elf tliet mija u sebgħa u għoxrin euro (€3,698,327) minnhom kienu jirrappreżentaw dazju tas-Sisa u t-tmien mija u tmienja u sebgħin elf erba' mija u sebgħa u disgħin euro (€ 878,497) l-oħrajn jirrappreżentaw it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud pretiżi minnu. Flimkien mal-Ittra kien hemm mehmuża d-dikjarazzjoni maħlufa tad-Direttur dwar l-eżekuttivita` tat-talba kif irid l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. K&L laqgħet in-notifika tal-Ittra fil-5 ta' Jannar, 2008;

Illi fit-22 ta' Jannar, 2008, infetħet din il-kawża;

---

[16] *Ibid.*f'paġ. 112 tal-proċess u l-affidavit tiegħu f'paġ. 569 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Ian Abdilla f'paġ. 544 tal-proċess
[17] Ara x-xhieda ta' Albert Scerri f'paġġ. 131 u 132 tal-proċess
[18] Ara l-affidavit ta' Mark Borġ f'paġġ. 570 u 571 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "MBA" sa Dok. "MBE" f'paġġ.140 sa 783 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda ta' Emanuel Attard f'paġ. 93 tal-proċess, u ix-xhieda ta' Mark Borġ f'paġ. 121 tal-proċess,
[20] Ara x-xhieda tal-Ispettur Ian Abdilla f'paġ. 545 tal-proċess
[21] Dok. "EA1", Dok. "EA15" f'paġ. 57 u 74 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Emanuel Attard f'paġ. 97 u paġ. 102 tal-proċess

Illi fil-mori tal-kawża, id-Direttur naqqas l-ammont mitlub mingħand K&L għal tliet miljun, tliet mija u wieħed u tmenin elf, ħames mija u disgħa u erbgħin euro (€3,381,549)[22]. Ġara wkoll illi l-maħżen reġa' għadda għand K&L[23]. Ħareġ li meta l-maħżen kien issiġillat fuq l-ordni tad-Direttur, ma kienx hemm sigaretti maqbudin fih u t-tabakk li kien jinsab fih kien tħassar u ntrema[24];

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-każ</u>, il-Qorti tqis li l-azzjoni ta' K&L trid titqies fil-qafas tal-Artikolu 466(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u l-għan li l-proċedura hemm maħsuba trid tilħaq. Dak l-artikolu jaqa' f'taqsima tal-kodiċi proċedurali li titkellem dwar il-kawżi tal-Gvern, u għaldaqstant hija taqsima li tirregola b'mod partikolari kif titmexxa l-proċedura fejn il-Gvern ikun waħda mill-partijiet. Ta' min jgħid ukoll li l-Artikolu 466 inbidel wara li Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali kienet sabet li l-pretensjoni magħmula minn Kap ta' Dipartiment tal-Gvern li kienet tissarraf f'titolu eżekuttiv favur il-Gvern bla ma jingħata lill-parti intimata l-possibilita` li tikkontesta tali pretensjoni kienet iġġib ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq[25];

Illi bis-saħħa ta' dik id-dispożizzjoni tal-liġi jingħata lil kull debitur li jkun laqa' in-notifika ta' ittra uffiċjali minn Kap ta' Dipartiment ir-rimedju li jitlob li l-Qorti ssib li t-talba mitluba f'dik l-ittra uffiċjali ma hijiex mistħoqqa. Il-liġi torbot li dik l-azzjoni – bħalma fetħet K&L f'din l-istanza – titressaq fi żmien għoxrin jum minn dakinhar li tintlaqa' in-notifika tal-att ġudizzjarju li jkun. Jekk dik l-azzjoni ma ssirx, it-talba magħmula f'att ġudizzjarju bħal dak tinbidel f'titolu eżekuttiv. Hawnhekk toħroġ in-natura proċedurali partikolari ta' att ġudizzjarju bħal dak. Dan ifisser li l-Qorti trid tara jekk il-pretensjoni ta' Kap ta' Dipartiment hijiex mistħoqqa u dan iġib miegħu stħarriġ fil-mertu min-naħa tal-Qorti tad-dejn kontestat;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jidher li l-qofol kollu tal-kreditu pretiż mid-Direttur imħarrek jinbena fuq l-istqarrija jew aħjar l-ammissjoni mad-Dipartiment (u, aktar 'il quddiem, mal-Pulizija wkoll) min-naħa ta' Marvin McKay, li huwa ħadem minn wara dahar K&L meta ma kienx awtorizzat. Fis-sewwa, K&L ma tgħidx li l-ammont kollu mitlub fl-Ittra mhux dovut minnha, imma hija tisħaq li l-biċċa l-kbira minnu ma għandhiex tħallsu hi u ma jmisshiex tintalab tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' ħaddieħor jew li titgħabba b'dawk in-nuqqasijiet. Mill-atti tirriżulta ammissjoni minn K&L fl-ammont ta'

---

[22] Paġ. 500 tal-proċess
[23] Ara l-istqarrija tal-Avukat Matthew Brincat fis-smiegħ tad-29 ta' Jannar, 2009 f'paġ. 116 tal-proċess
[24] Dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tad-29.1.2009, f'paġ. 116 tal-proċess
[25] Kost. **20.7.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil noe et vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.175**)

miljun, sitta u sebgħin elf, ħames mija tlieta u sittin ewro (€1,076,563)[26]. Il-kwestjoni li K&L tqanqal hi jekk il-bilanċ bejn dak li fil-fehma tagħha huwa dovut minnha għal dak li d-Direttur qiegħed jitlobha tħallsu għandhiex tħallsu hi, minkejja l-istqarrija tat-terzi;

Illi t-tieni konsiderazzjoni hi li t-talba li K&L qiegħda tikkontesta f'din l-azzjoni tagħha hija waħda mibnija fuq liġi fiskali[27]. Dan ifisser ukoll li t-tifsira li trid tingħata lid-dispożizzjonijiet ta' liġi bħal dik trid tkun waħda li toqgħod għall-kelma tal-liġi bla tiġbid żejjed[28]. Hemm il-fehma wkoll li liġijiet tributarji huma ta' fejda jew utilita` pubblika u għalhekk iridu jingħataw applikazzjoni fejn ma hemmx dubju dwar iċ-ċirkostanzi tat-tħaddim tagħhom[29], sakemm dak it-tħaddim ma jkunx f'konflitt mal-ordinament taħt il-liġi ġenerali[30]. Ladarba fil-każ tal-lum qiegħed jintalab ħlas ta' dazju tas-Sisa u VAT, irid jintwera li dak il-ħlas huwa stabilit b'liġi u li l-liġi tfisser sewwa u b'mod ċar meta u kif dak il-ħlas ikun dovut;

Illi jekk wieħed jaqra sewwa dak li trid il-liġi, għandu jsib li l-ħlas ta' dazju fuq oġġetti dazjabbli għandu, fir-rigward tat-tluq ta' oġġetti dazjabbli, jitħallas mill-magażżinier awtorizzat ('*authorized warehouse keeper*'), mid-destinatarju reġistrat ('*registered consignee*'), jew minn kull persuna oħra li tirrilaxxa l-oġġetti dazjabbli jew li f'isimha dawn jiġu rilaxxati mill-arranġament ta' sospensjoni tad-dazju[31];

Illi l-liġi tippreskrivi wkoll li kustodju ta' maħżen awtorizzat ikun meħtieġ li fost oħrajn, iżomm għal kull maħżen tas-Sisa, kull rendikont ta' stokk u ċaqliq ta' prodotti b'mod preċiż u korrett u li jirrifletti tabilħaqq l-istokk li hemm fiżikament fil-maħżen tas-Sisa awtorizzat, jipproduċi l-prodotti kull meta jkun hekk meħtieġ; u jagħti l-kunsens tiegħu għal kull sorveljar u kontroll fuq l-istokk[32]. Id-dettall marbut mal-obbligu li kustodju ta' maħżen awtorizzat li jagħti rendikont jinstab preskritt fil-liġi fis-sura tar-Regolamenti magħmula taħt il-liġi ewlenija[33];

Illi d-dazju tas-Sisa dovut fuq oġġetti rilaxxati minn stazzjonijiet tad-Dipartiment jew imħażen ta' depożt ikkontrollati minnu għandu jitħallas qabel ma dawk l-oġġetti jiġu rilaxxati[34]. Min-naħa l-oħra, oġġetti dazjabbli prodotti f'Malta jistgħu jinżammu mill-kustodju ta' maħżen reġistrat taħt sospensjoni tad-dazju fil-konfini ta' maħżen tas-Sisa reġistrat. Dawn l-oġġetti jistgħu jinġarru

[26] Dokti. "EA1" u "EA15" f'paġġ. 57 u 74 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Emanuel Attard f'paġġ. 97 u 102 tal-proċess
[27] L-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37)
[28] App. Ċiv. **11.1.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Camilleri noe*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.15**)
[29] P.A. **15.4.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Anastasi noe vs Camilleri noe*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.952**)
[30] App. Inf. PS **24.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Waldorf Car Hire Ltd vs Habitat Ltd***
[31] Art. 8(1)(a) tal-Kap. 382
[32] Art. 10(1) tal-Kap. 382
[33] Reg. 16 tar-*Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli,* Sitt Skeda tal-Kap. 382
[34] Reg. 10 tar-*Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli,* Sitt Skeda tal-Kap. 382

taħt sospensjoni tad-dazju minn stabbiliment ta' produzzjoni reġistrat għal maħżen tas-Sisa ieħor jew maħżen ta' depożt approvat jew minn maħżen ta' depożt approvat għal maħżen tas-Sisa reġistrat jew maħżen ta' depożt approvat ieħor u minn dak il-maħżen tas-Sisa jew maħżen għal post ta' tagħbija għall-esportazzjoni bħala merkanzija jew bħala provvisti ta' abbord jew għall-konsenja lil persuni eżentati. Il-ġarr tal-oġġetti huwa suġġett li jkollhom magħhom id-Dokument Amministrattiv Intern Mehmuż (DAIM) li għandu jispeċifika l-post minn fejn intbagħtu u l-post tal-konsenja, u l-kwantita` u d-deskrizzjoni tal-oġġetti, u għandu jiġi ffirmat mill-kunsinnatarju li jiċċertifika li rċieva l-oġġetti[35];

Illi l-Qorti jidhrilha li K&L kienet midħla sewwa mal-imsemmija dispożizzjonijiet u kienet imkissra fit-twettiq tagħhom minħabba l-esperjenza twila li kellha f'dan il-qasam fuq medda ta' snin. Kemm hu hekk, hija bla tlaqliq u sa minn żmien qabel ma d-Direttur bagħtilha l-Ittra, kienet qieset kemm kellha x'tagħtih. Targumenta, iżda, li dak li ma awtorizzżatx li jinxtara m'għandhiex taħti tiegħu. Tgħid ukoll li d-Dipartiment messu kien jaf bl-ammonti li kienu qegħdin jinxtraw u ma messux ħalla dak iż-żmien kollu jgħaddi qabel ma talabha l-ħlas fuqhom[36]. Min-naħa l-oħra, id-Direttur iressaq tliet argumenti kontra dawk ta' K&L: l-ewwel, li l-liġi torbot lil kull kustodju ta' maħżen tas-Sisa bl-obbligu li jirċievi l-oġġetti fl-imħażen awtorizzżati, u li jżomm rendikont kif preskritt; it-tieni, li ladarba K&L kienet qiegħda ttella' l-punti mix-xiri tal-merkanzija, ma jistax ikun li ma kinetx taf kemm fil-fatt kienet qiegħda tixtri jew kemm kien qiegħed jidher jinxtara f'isimha[37]; it-tielet, kif ġie konfermat lid-Direttur mill-aġenti tal-merkanzija, l-ordni għax-xiri tal-merkanzija kienet issir magħhom minn direttur ta' K&L innifisha[38];

Illi l-Qorti, wara li ħadet qies tal-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, tasal għall-fehma li t-talba tad-Direttur għandha mis-sewwa. Fil-fehma tagħha, il-ġustifikazzjoni tad-Direttur li jitlob il-ħlasijiet mingħand K&L issib l-għeruq tagħha fil-fatt li K&L setgħet tibbenifika mis-sospensjoni tad-dazju wara li kisbet l-awtorizzżazzjoni għal dan l-iskop mingħand l-istess Direttur, liema awtorizzżazzjoni kienet marbuta mal-obbligu, fost l-oħrajn, li żżomm rendikont ta' x'merkanzija tidħol fl-imħażen tagħha jew tinħareġ minnhom. Hawnhekk toħroġ ukoll id-dgħufija tal-argument ta' K&L għaliex, fil-fehma tal-Qorti, hija ma seħħilhiex tipprova kif imiss li hija tabilħaqq ma kinitx taf biċ-ċaqliq li kien għaddej fl-imħażen tagħha. Minbarra dan, ħareġ ċar minn xhieda mhux interessati, li d-dokumentazzjoni li kienet tgħaddi ma' kull transazzjoni ta' bejgħ ta' merkanzija ma setgħetx ma kenitx magħrufa minn K&L. Li kieku l-Qorti kellha twarrab din il-fehma, il-fatti xorta

35 Reg. 12(1), (2) u (3) tar-*Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli*, Sitt Skeda tal-Kap. 382
36 Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-kumpannija attriċi f'paġġ. 494 tal-proċess
37 Ara x-xhieda ta' Albert Scerri f'paġġ. 539 u 540 tal-proċess
38 Ara affidavit ta' Albert Scerri f'paġġ. 564 sa 565 tal-proċess

jwassluha biex tilqa' l-fehma tad-Direttur li K&L setgħet minn jeddha ma ressqitlux id-dokumenti kollha li kellha[39]. Tqis ukoll li kieku l-Qorti kellha tilqa' bħala minnha l-ammissjoni ta' McKay, l-ammissjoni mhix kompluta għaliex minn kliem l-ispettur dipartimentali Mark Borġ, McKay ċaħad li qarraq b'K&L bl-ammont li hija qed tixlih bih. Dan id-dubju ħareġ ukoll f'moħħ il-Pulizija meta interrogawh[40]. Ħareġ ukoll li K&L kienet awtorizżat lil McKay biex jittratta f'isimha mal-kumpanniji fornitriċi konċernati[41]. F'kull każ, jekk kemm-il darba McKay qarraq b'K&L, din hija ħaġa ta' bejniethom u r-rimedju li K&L jista' jkollha hija kontra t-terz imsemmi u mhux billi tonqos li tħallas dak li huwa dovut lid-Dipartiment, l-aktar meta jirriżulta minn għejjun oħrajn li l-kwantitajiet ta' sigaretti u tabakk li tmexxew f'dawk ix-xhur rilevanti kienu tabilħaqq "inbiegħu" mill-kumpanniji fornitriċi;

Illi ladarba d-dokumenti fil-pussess tal-Kontrollur juru li K&L kienet ir-riċevitur tal-merkanzija, bil-liġi K&L hija obbligata li tħallas it-taxxa dovuta fuqhom;

Illi raġuni oħra għaliex l-azzjoni ta' K&L m'hijiex mistħoqqa, hi għaliex hija stess tistqarr li parti sewwa mis-somma mitluba fl-Ittra hija tabilħaqq dovuta lid-Direttur. Mela, safejn tgħodd dik l-istqarrija (li, kif ingħad qabel, hija dokumentata fi prova mressqa minn K&L innifisha[42] u f'xhieda mogħtija[43] li tmur għal żmien qabel ma nfetħet din il-kawża), l-Ittra għandu jkollha tabilħaqq effett ta' titolu eżekuttiv;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti biex tqis l-ewwel talba attriċi bħala mhix mistħoqqa u għaldaqstant sejra tiċħadha. Madankollu, fid-dawl tan-Nota ta' Riduzzjoni mressqa mid-Direttur waqt is-smigħ tal-kawża, l-effetti tal-Ittra jibqgħu eżegwibbli biss fir-rigward tal-ammont kif hekk imnaqqas (jiġifieri tliet miljun tliet mija u wieħed u tmenin elf ħames mija u disgħa u erbgħin euro – €3,381,549) li mill-istess Nota jidher li kien limitat għad-dazju tas-Sisa u mneħħija kull talba għat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud;

Illi, fir-rigward tat-tieni talba attriċi, il-Qorti tibda biex tgħid li fi proċedura mnedija taħt l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-għan huwa dak li jżomm milli pretensjoni dipartimentali magħmula b'att ġudizzjarju ssir titolu eżekuttiv. Dik il-proċedura speċjali ma taħsibx għal talba bħal din. Minbarra dan, jirriżulta wkoll li l-maħżen b'kulma kien fih inħeles mis-siġill dipartimentali u ntradd lura lil K&L. Jirriżultalha wkoll li l-kumpannija

[39] Ara x-xhieda ta' Albert Scerri f'paġ. 132 tal-proċess
[40] Xhieda ta' Spettur Ian Abdilla f'paġġ. 550 – 1 tal-proċess
[41] Xhieda ta' Keith Attard fil-kontro-eżami f'paġġ. 582 – 3 tal-proċess
[42] Dok "EA1", f'paġ. 57 tal-proċess
[43] Affidavit ta' Keith Attard, par. 20, f'paġ. 56 tal-proċess u xhieda ta' Emanuel Attard f'paġ. 102 tal-proċess

attriċi ma nsistietx aktar fuq din it-talba[44]. Għaldaqstant il-Qorti sejra tiċħad it-tieni talba attriċi bħala mhix ippruvata kif imiss;

Illi l-istess għandu jingħad fir-rigward tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames talbiet attriċi, u wkoll billi K&L ma għamlet l-ebda tentattiv li tipprova d-danni li hija tgħid li ġarrbet;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi**, minħabba li ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt,

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tad-Direttur imħarrek bħala mistħoqqa; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-kumpannija attriċi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**22 ta' Settembru, 2021**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

[44] Ara l-verbal tas-smigħ tad-29 ta' Jannar, 2009 f'paġ. 116 tal-proċess. In-Nota ta' Sottomissjonijiet hija siekta f'dan ir-rigward